KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 417 (8-43)

It-Tlieta 25 ta' Jannar 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' online.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant (daħal fis-6.20pm)
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Adrian Farrugia

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**417.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Dr. Alessia Psaila Zammit u Adrian Farrugia.

**417.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 416. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku ssekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**417.2.1 Punti li joħorġu mill-Minuti**

416.7 Il-Kunsilliera Francine Farrugia rrefriet għall-ftehim propost mill-KBSN u qalet li skond id-diskussjoni tal-Kunsill f'Seduti preċedenti kien sar qbil li jsiru żewġ abbozzi u mhux abbozz wieħed għaż-żewġ siti. Is-Sindku qal li l-abbozz li qed jiġi propost irid jgħaddi għand l-avukat tal-Kunsill u jerġa' jiġi preżentat quddiem il-Kunsill għad-diskussjoni. Huwa qal li dan ser jiġi ċċirkolat qabel biex ikun hemm ċans li kull Kunsillier jaraħ u jkun jista' jagħti l-opinjoni tiegħu. Il-Kunsillier Julian Borg talab li dan jintbagħat mal-Aġenda ta' meta jkun ser jiġi diskuss biex ikun hemm żmien biżżejjed.

**417.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**417.3.1** Is-Sindku informa li t-talba tal-Kunsill lill-Infrastructure Malta biex isir ir-resurfacing ta' Triq il-Parroċċa u Triq San Nikola ġiet milqugħa u x-xogħol ser jitwettaq fil-ġimgħat li ġejjin. Huwa qal li ser isir koordinament minħabba l-għeluq ta' dawn it-toroq biex jinħoloq l-inqas inkonvenjent possibbli.

**417.3.2** Is-Sindku informa wkoll li ħareġ l-approvazzjoni għall-bini taz-zuntier minn Infrastructure Malta u x-xogħol mistenni jibda għal nofs is-sena u ma jibdiex qabel il-festa ta' San Nikola. Huwa pjanat li x-xogħol idum sejjer sena u nofs approssimament u ser jibda l-process ta' procurement. Is-Sindku talab koordinament mal-Arċipriet u anka mal-għaqdiet involuti fil-festa biex jinżammu aġġornati bl-andament tax-xogħol.

**417.3.3** Is-Sindku qal li ħarġu diversi skemi minn AmbjentMalta bis-suġġett 'Local Council Urban Greening Scheme 2022' u hemm diversi kategoriji, fosthom; maġġuri infrastrutturali, proġetti medji jew 'small embellishment projects'. Huwa stieden lill-Kunsilliera biex iressqu l-proposti tagħhom biex jibda jsir ix-xogħol fuq l-applikazzjonijiet.

**417.3.4** Is-Sindku qal li Infrastructure Malta qed jitolbu lill-Kunsill biex jidentifika żoni għal xogħol mill-ħaddiema tax-Xogħolijiet Pubbliċi. Huwa qal li ddiskuta mas-Segretarju Eżekuttiv fejn ġiet identifikata l-area mad-dawra tal-binja Ramija, u xi ħitan żgħar oħrajn. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera jressqu l-proposti tagħhom lis-Segretarju Eżekuttiv.

**417.3.5** Is-Sindku qal li minħabba li ġew irtirati xi restrizzjonijiet relatati mal-Covid, il-laqgħa tal-lokalita' ġiet posposta għal nhar l-Erbgħa 16 ta' Frar 2022. Hu qal li qed jitħejjew ir-Rapporti għall-ħidma tas-sena 2022 u l-business plan biex jiġu preżentati dakinhar. Huwa qal li sa dakinhar jiġi deċiż jekk il-laqgħa ssirx online jew fis-sala tal-Kunsill u

min hu interessat jattendi għandu jirreġistra minn qabel biex xorta jkun haw numru limitat ta’ nies.

**417.3.6** Is-Sindku talab lill-Kunsilliera ilestu artiklu dwar il-ħidma tad-dekasteru tagħhom biex jiġi ppublikat fin-newsletter li jmiss, maħsuba li tinħareġ f’Marzu 2022. L-artiklu għandu jintbagħat lis-Segretarju Eżekuttiv sa mhux iktar tard mill-Ġimgħa 18 ta’ Frar 2022.

Il-Kunsillier Kurstein Sant daħal fis-6.20 ta’ filgħaxija.

**417.3.7** Proġett Pjazza San Nikola

Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa mal-Perit tal-Kunsill fejn preżenta żewġ proposti tal-proġetti għal Pjazza San Nikola. Is-Sindku propona li ssir laqgħa mal-Kunsill fejn il-Perit jagħmel il-preżentazzjoni tal-proposti u tiġi identifikata l-iktar proposta idejali, fejn wara il-proġett propost jiġi preżentat lill-pubbliku għal feedback. Is-Sindku qal li f’din il-proposta ġie kkunsidrat l-impatt tar-rilokazzjoni tal-pompa u l-potenzjal offrut mill-Pjazza. Is-Sindku qal li l-perit intalab iħejji ‘bill of quantities’ ħalli toħroġ stima tal-aspett finanzjarju biex dan il-proġett jiġi imwettaq. Is-Sindku propona li l-laqgħa ssir fis-17 ta’ Frar 2022 fis-6.30pm.

**417.3.8** Restawr

Is-Sindku qal li r-restawr tat-tieni sett ta’ statwi mat-telgħa tas-Salib tal-Għolja miexi tajjeb u kif pjanat. Huwa l-ħsieb li l-proġett kollu jiġi inawgurat għall-aħħar ta’ Marzu 2022.

**417.3.9** Proposti tat-traffiku

Is-Sindku qal li għad fadal xi pendenzi fil-proġett ta’ arranġamenti tat-traffiku ta’ Triq it-Tabib Nikola Zammit u Triq Dun Manwel Zammit li jridu jiġu attwati mal-kumplament tal-proġett. Huwa qal li għandha tiġi diskussa wkoll l-issue ta’ Triq Ħal Xluq, inkluża fl-Aġenda ta’ din is-Seduta. Barra dawn hemm inklużi wkoll proposti għall-immaniġġjar tat-traffiku ta’ Triq il-Knisja l-Qadima, Triq San Ġwann u Triq San Ġakbu li ser ikunu inklużi fil-proġett propost ta’ Pjazza San Nikola.

**417.3.10** Proġett Komunitarju Ramija

Is-Sindku qal li skond l-aħħar informazzjoni mill-Perit tal-proġett, il-pjanti u dettalji tal-proġett kif emendati ġew sottomessi mal-Awtorita’ tal-Ippjanar.

**417.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**417.4.1** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa dwar il-laqgħa għal proposti tat-traffiku li ilha tissemma għal diversi Seduti u li s’issa għadha ma saritx. Is-Sindku qal li kien hemm diversi fatturi għaliex għadha ma saritx iżda qed isiru it-tħejjijiet neċessarji ma’ persuna intiża biex jiġu mressqa u diskussi l-proposti tad-diversi toroq li ssemmew.

**417.4.2** Il-Kunsilier Julian Borg staqsa rigward ix-xogħol ta’ resurfacing li ser isir minn Infrastructure Malta fi Triq il-parroċċa u Triq San Nikola. Huwa staqsa jekk hux ser jinbidlu s-servizzi kollha ġaladarba ser isir ix-xogħol, u propona wkoll li fil-proġett jiġu inkorporati wkoll il-bankini li qegħdin fi stat ħażin. Il-Kunsillier Borg propona li jsir kanal taħt il-bankina li minnhon tgħaddi l-konnessjoni tad-dwal tat-toroq u jitneħħew il-wires minn mal-faċċati. Il-Kunsill unanimament qabel li ssir din it-talba lill-awtoritajiet konċernati. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex kopja tal-permess ta’ TM għal dawn iż-żewġ toroq jiġi ċirkolat mal-Kunsilliera.

417.4.3 Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar l-investigazzjoni mill-awtoritajiet rigward PA6387/20 u l-operat illegali, anka peress li dan għadu għaddej. Is-Sindku wieġeb li ma kien hemm l-ebda aġġornament dwar dan għalkemm ġew infurmati u mitluba jinvestigaw. Il-Kunsillier Borg qal jekk f'dan l-istadju għandhiex tittieħed xi tip ta' azzjoni ulterjuri ġaladarba x-xogħol baqa' għaddej. Is-Sindku wieġeb li ser jerġgħu jiġu kkuntattjati l-ERA dwar dan u jsaqsi x'miżuri ittieħdu. Il-Kunsillier Julian Borg qal jekk hux il-każ li tinħareġ stqarrija mill-Kunsill peress li diġa kien hemm pożizzjoni fuq din il-materja. Is-Sindku kkonferma li diġa kien hemm pożizzjoni f'dan ir-rigward u għandha ssir il-pressjoni kollha neċessarja mal-awtoritajiet sakemm tittieħed azzjoni.

417.4.4 Il-Kunsilliera Francine Farrugia saqsiet jekk hemm xi aġġornament minn Infrastructre Malta rigward ix-xogħol rikjest fi Triq Mons Mikiel Azzopardi, iz-zebra crossing u il-mera bħala miżuri ta' sigurta'. Hija qalet li l-Kunsilliera isiru jafu minn facebook dwar xogħolijiet li qed jitwettqu fil-lokalita' minn IM , u ma jidrilhiex li dan għandu jkun il-mod ta' informazzjoni fil-lokalita'. Hija qalet li l-Kunsill għandu jkun infurmat uffiċjalment bix-xogħolijiet u xogħolijiet maġġuri jissemmew f'Seduta.
Is-Sindku wieġeb li kull informazzjoni li jkollu fuq diversi xogħolijiet jgħaddiha lill-Kunsill. Huwa qal li kien ġibed l-attenzjoni lill-entita' kull meta kien hemm nuqqas ta' informazzjoni, għax nuqqas ta' informazzjoni toħloq frustrazzjoni u inkonvenjent u kif qalet il-Kunsilliera Farrugia, il-Kunsill għandu dritt ikun jaf x'inhu jiġri biex anka jkollu l-informazzjoni korretta biex iwieġeb lir-residenti. Huwa qal li innota li kien hemm miljorament fil-komunikazzjoni ma' Infrastructure Malta.

417.4.5 Il-Kunsilliera Francine Farrugia irreferiet għal xogħol li sar dan l-aħħar ta' konkos f'Wied il-Ħesri u li dwaru inqala kjass fuq il-midja soċjali. Hija qalet li l-Kunsill għandu jitlob spjegazzjoni dwar dan ix-xogħol anka vis-a-vis l-ilmenti u l-kummenti tar-residenti. Hija qalet li għandhom jintalbu l-permessi li inħarġu biex seta' sar dan ix-xogħol f'wied u l-kundizzjonijiet marbuta ma' dan il-permess. Il-Kunsillier Julian Borg qal li għandu jitqabbad il-Perit tal-Kunsill biex jispezjona x-xogħol li sar u jitressqu r-rakkomandazzjonijiet neċessarji lil IM.

417.4.6 Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li mhix qed tkun aġġornata fuq talbiet li jkunu saru kemm fis-Seduti u anka mill-Amministrazzjoni. Is-Sindku qal li l-amminisatrazzjoni tal-Kunsill kontinwament għaddejja b'komunikat ma' diversi entitajiet biex jitwettqu xogħolijiet fil-lokalita' u ċertu xogħolijiet ma jistgħux jistennew li jitressqu f'Seduti.

**417.5 Mozzjoni dwar l-applikazzjoni PA4576/19 għar-rilokazzjoni tal-fuel station li tinsab fi Pjazza San Nikola fis-Siġġiewi**

Is-Sindku qal li l-mozzjoni segwenti tikkonsolida d-diskussjoni tal-Kunsill preċedenti u l-element konsistenti li l-pompa titneħħa minn Pjazza San Nikola u tiġi rilokata. Is-Sindku qara l-mozzjoni:

"*B'referenza għall-applikazzjoni u għall-pjanti li ġew sottomessi f'Ġunju u Lulju tas-sena 2020, il-Kunsill Lokali jikkonferma li jaqbel illi l-Fuel Station li tinsab fi Pjazza San Nikola tiġi rilokata minn ġewwa l-Pjazza tas-Siġġiewi, għal sit alternattiv, hekk kif diġa ġie ddikjarat f'sottomissjoni lill-Awtorita' tal-Ippjanar datata 03 ta' Jannar 2020 u f'pożizzjonijiet oħra preċedenti tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi nhar il-15 ta' Frar 2010 (Seduta Nru. 216) u fid-9 ta' Frar 2017 (Seduta Nru. 331).*

*Il-Kunsill Lokali is-Siġġiewi mlaqqa' illum, it-Tlieta 25 ta' Jannar 2022 jirriżolvi:*
*Illi l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jaqbel li ssir rilokazzjoni tal-fuel station minn ġewwa Pjazza San Nikola għal sit alternattiv suġġett li jkun sar l-istudju tal-EIA. Liema studju jkun qed jindika l-inqas impatt u kif ukoll kriterji relatati ma' għażla tas-sit;*

*Illi l-proġett jieħu in konjizzjoni tal-policies in vigore relatat mat-tali żvillup u l-punti illi diġa ġew imsemmija fis-sottomissjoni tal-Kunsill Lokali is-Siġġiewi datata 3 ta' Jannar 2020;*

*Illi għalhekk il-pożizzjoni aġġornata u uffiċjali tal-Kunsill Lokali tintbagħat lill-Awtorita` tal-Ippjana*r."

Proponent is-Sindku Dominic Grech.
Sekondant il-Viċi-Sindku Rodianne Haber.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li l-kontenut tal-mozzjoni huma fatti li ġew diskussi f'Seduti preċedenti u għalhekk jaqbel mal-kontenut. Huwa xtaq iressaq żewġ punti, li:

- l-mozzjoni mhix qegħda tikkonferma l-qbil mal-pjanti iżda mar-rilokazzjoni anka peress li r-rapporti mitluba mill-Kunsill għadhom neqsin,
- fl-aħħar Seduta ġie maqbul li malli jkun sottomess l-EIA, il-Kunsill jikkummissjona espert biex jassisti lill-Kunsill jieħu d-deċiżjoni finali.

Is-Sindku ikkonferma li għad hemm dokumenti li jridu jiġu sottomessi minn dawk rikjesti mill-Kunsill. Is-Sindku talab vot fuq il-mozzjoni:

Votazzjoni: 5 favur
Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**417.6** **Mozzjoni sabiex il-Kunsill Lokali Siġġiewi jimpenja ruħu sabiex isir mafkar jew bust li jikkommemora l-memorja tal-Professur Albert Fenech**

Is-Sindku qara l-mozzjoni:
"*Billi l-mibki Professur Albert Fenech li ħalliena ftit tal-ġranet ilu kien imwieled is-Siġġiewi u għal diversi snin għex fil-komunita Siġġiwija,*
*Billi l-Professur Albert Fenech kien Kardjologu maħbub minn ħafna,*
*Billi permezz tal-ħidma siewja, professjonali tiegħu u bl-akbar impenn fil-qasam tas-Saħħa, b'mod partikolari f'dak tal-Kardjoloġija u t-twaqqif ta' Dipartiment tal-Kardjoloġija tal-ogħla livell, kien ta' ġieħ kemm għal raħal twelidna kif ukoll għal pajjiżna;*
*Il-Kunsill Lokali is-Siġġiewi imlaqqa' llum it-Tlieta 25 ta' Jannar 2022 jirriżolvi li l-istess Kunsill Lokali permezz ta' twaqqif ta' kumitat ad hoc jiġi identifikat post fis-Siġġiewi sabiex isir mafkar jew bust f'ġieħ Prof Albert Fenech.*
*Li l-Kunsill Lokali is-Siġġiewi jagħmel mafkar għal-Professur Fenech wara li jinstab is-Sit adekwat għal dan il-mafkar.*
*Li l-Kunsill Lokal is-Siġġiewi jikkonsulta mal-familja tal-Professur Fenech sabiex dan il-mafkar isir bil għan li l-memorja tiegħu tibqa' sħiħa fil-komunita Siġġiwija.*
*B'hekk il-Kunsill ikun qed jagħti tislima dejjiema ta' rikkonoxximent għal dak li wettaq matul ħajtu b'mod partikolari ma' eluf ta' pazjenti Maltin u Għawdxin u għall-isem sabiħ li għamel lis-Siġġiewi*."

Proponent: Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Sekondant: Is-Sindku Dominic Grech u l-Kunsilliera Kurstein Sant u Adrian Farrugia

Is-Sindku qal li din hija mozzjoni ta' ġieħ lill-ikona fis-settur tas-saħħa mhux biss nazzjonali iżda anka barra minn xtutna. Huwa qal li Prof. Fenech huwa assoċjat mas-Siġġiewi u kien dejjem għal qalbu bħal ma kien għal maħbub missieru.

Il-Kunsillier Kurstein Sant qal li kien jgħallmu, u rrakkonta esperjenza li tixhed l-imħabba li l-Prof. Fenech kellu għas-Siġġiewi. Huwa qal li huwa idoneju li jibqa' mfakkar.

Il-Viċi Sindku talbet lill-Kunsill biex iressaq idejat fejn jista' jsir dan il-bust, idejalment fil-viċinanzi tal-mafkar ta' missieru.

Is-Sindku qal li kien bniedem ta' unur, korrett, ta' prinċipju, u intelliġenti. Huwa qal li l-fatt li fl-istess Seduta jitressqu żewġ mozzjonijiet bl-istess ġist hija ħaġa pożittiva ħafna. Is-Sindku talab vot fuq il-mozzjoni:

Votazzjoni: 5 favur
Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

**417.7 Mozzjoni sabiex jibqa' mfakkar il-xogħol siewi tal-Profs. Albert Fenech mal-komunita' Siġġiwija kif ukoll mal-poplu Malti**

Is-Sindku qara l-mozzjoni:

*"Billi l-Profs. Albert Fenech, imwieled is-Siġġiewi fid-9 ta' Ottubru 1951, deskritt minn diversi bħala raġel ġenwin, pro-attiv u għalliem ta' għadd kbir ta' tobba, miet nhar it-28 ta' Diċembru 2021.*
*Billi kompla fuq il-passi ta' missieru, t-tabib Dr. Albert Fenech, il-ħidma bla rażan għal diversi snin fost il-morda, speċjalment fost il-komunita' Siġġiwija li tant kien iħobb.*
*Billi kien strumentali sabiex f'pajjżina twaqqaf id-Dipartiment tal-kardjoloġija fl-1995 wara li laqa' l-istedina tal-Gvern Malti, ġie Malta mill-Ingilterra u ħalla warajh il-vantaġġi kollha li kellu biex ikun ta' servizz għall-poplu Malti u Għawdxi.*
*Billi kien l-ewwel professur li opera fl-isptar Mater Dei f'Novembru 2007.*
*Billi il-Profs Albert Fenech serva fit-Tnax-il Leġislatura bħala Membru Parlamentari, u cioe, bejn l-2013 u l-2016.*
*Billi bil-mod ta' kif eżerċita l-professjoni tiegħu, permezz ta' l-imħabba li kellu lejn il-pazjent, il-Profs Albert Fenech għandu jibqa' mfakkar u jkun ta' eżempju għal kull ċittadin.*
*Il-Kunsill Lokali mlaqqa' illum it-Tnejn 24 ta' Jannar 2022;*
*Jirriżolvi li fil-ġimgħat li ġejjin, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi, jidentifika post pubbliku ġewwa l-lokalita' sabiex il-memorja tal-Profs. Albert Fenech tibqa' mfakkra permezz ta' skultura jew bust rapprezentattiv tal-ħajja attiva u mimlija mħabba għal proxxmu tal-Profs Fenech.*
*Jirriżolvi li jitpoġġa mafkar f'forma ta' plakka memorattiva f'inħawi tad-dar fejn twieled il-Profs Albert Fenech fi Triq tan-Nofs, is-Siġġiewi.*
*Jirriżolvi li l-isem ta' Profs Albert Fenech jitpoġġa fil-lista ta' Siġġiwin li għalihom jiġu msemmija toroq ġodda."*

Proponent: Il-Kunsillieri Julian Borg
Sekondant: Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit u Francine Farrugia

Il-Kunsillier Julian Borg qal li hija ħaġa pożittiva li jitressqu żewġ mozzjonijiet b'mod sinkroniżżat fuq l-istess suġġett. Huwa talab li jkun hemm bord biex jiġi identifikat is-sit u anka l-fatt li jiġi rikonoxxut il-post fejn twieled, tagħti l-ħajja lil dik id-dar fejn għex.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia ssuġġeriet li nies li jiġu rikonoxxuti titniżżel ir-raġuni għaliex ġew rikonoxxuti, kemm fir-rigward ta' tismija ta' toroq u anka f'publikazzjonijiet tal-Kunsill u dokumentazzjoni.

Is-Sindku talab vot fuq il-mozzjoni:
Votazzjoni: 5 favur
Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

Is-Sindku irrimarka li qatt ma jiftakaw żewġ mozzjonijiet simili fl-istess Seduta, u ħeġġeġ liż-żewġ proponenti biex jikkollaboraw għall-atwar tal-proposti approvati.

**417.8** **Petizzjoni mir-residenti u sidien ta' garaxxijiet fi Triq Ħal Xluq**

Is-Sindku rrefera għall-komunikat mil-LESA u qal li din id-deċiżjoni kienet imposta minħabba s-sigurta' għat-tfal tal-iskola, bħal ma jsir f'kull lokalita'. Huwa qal li filwaqt li jifhem l-inkonvenjent lir-residenti u sidien tal-garaxxijiet ta' din it-triq, ir-responsabilta' f'każ li jweġġa xi tifel taqa' kollha fuqu u fuq is-Segretarju Eżekuttiv.

Huwa qal li ġew issuġġeriti meżżi ta' sigurta', fosthom tip ta' fenching mad-dawra tal-iskola jew alternattivi oħra li għandhom jiġu diskussi kemm mal-LESA u anka mal-Kap tal-iskola. Huwa qal li xtaq li l-laqgħa ssir qabel iżda minħabba ċ-ċirkustanzi li kien kwarantina din il-laqgħa ma setgħetx issir. Is-Sindku staqsa għall-feedback mill-Kunsilliera dwar dan is-suġġeriment jew xi proposti oħra, u propona li tintalab laqgħa fil-jiem li ġejjin mal-LESA u l-Kap tal-iskola, u stieden lill-Kunsilliera biex jattendu.

**417.9** **Miżura 19.2.4 – Development of Green Infrastructure – terminazzjoni**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tagħti spjega. Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-korrispondenza bit-titlu 'termination letter' mingħand il-Majjistral Action Group datata 3 ta' jannar 2022, fejn tispjega li il-proġett imsemmi li kellu durata ta' għaxar xhur u cioe deadline l-10 t'April 2021, wara diversi 'change requests' sottomessi dan il-proġett għal diversi raġunjiet għadu ma bediex. Għalhekk, wara diversi diskussjonijiet mal-istess Gal Majjistral, u wara li ġie kkunsidrat li proċess ta' procurement mill-bidu jieħu fit-tul u għalhekk, fis-sitwazzjoni preżenti, ma kienx fadal għażla ħlief li dan il-proġett jiġi terminat.

Sadattant, is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jibbenefika mill-iskemi varji li inħarġu minn AmbjentMalta, biex ix-xogħol li sar s'issa fuq dan il-proġett partikolari ma jintilifx. Is-Sindku appella lill-Kunsilliera biex iressqu l-proposti tagħhom.

Is-Sindku rrefera wkoll għall-korrispondeza mill-Gal Majjistral rigward l-assenza tar-rappreżentant tal-Kunsill fil-laqgħat tal-Gal anka wara li inġibdet kemm il-darba l-attenzjoni. Huwa qal li l-Kunsill qed jitlef diversi opportunitajiet speċjalment ta' finanzjament fuq diversi skemi li jinħarġu u ma jkunx a kurrenti ta' dan li qed jiġri.

**417.10** **Jum is-Siġġiewi 2022 – Tħejjijiet**

Is-Sindku qal li qed jaħdem fuq il-programm ta' attivitajiet għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum is-Siġġiewi, fosthom quddiesa ta' ringrazjament, attivita' ambjentali u taħwil ta' siġar, attivita' sportiva, inawgurazjoni tal-proġett ta' restawr u Serata ta' Onorefiċenza u għoti tal-Unur Mertu Siġġiewi. Huwa qal li skond is-sitwazzjoni preżenti ir-restrizzjonijiet mid-Dipartiment tas-Saħħa għandhom jippermettu li jsiru l-attivitajiet. Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera jgħinu fl-organizzazzjoni u jressqu suġġerimenti u proposti.

**417.11** **Onorefiċenza Mertu Siġġiewi 2022 – Nominazzjonijiet**

Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex iressqu l-ismijiet għan-nominazzjonijiet tal-Unur Onorefiċenza Mertu Siġġiewi 2022. Huwa talab biex l-ismijiet jitressqu minn qabel lis-Segretarju Eżekuttiv biex jiġu verifikati. L-ismijiet imressqa jersqu fis-Seduta li jmiss għall-approvazzjoni.

**417.12** **Attivita' - Mixgħela tas-Salib tal-Għolja 2022**

Is-Sindku qal li r-restrizzjonijiet preżenti għandhom jippermettu li ssir l-attivita' tal-Mixgħela tas-Salib kif issir tradizjonalment. Huwa qal li ser isir koordinament mal-għaqdiet involuti fl-organizzazjoni.

Is-Sindku qal li għal mixgħela ta' din is-sena, hemm approvati fondi taħt l-iskema SPI/SCI/3/2021 għall-ammont ta' €10,500.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet meta huwa pjanat li jibda x-xogħol fuq il-Kappella tal-Għolja, liema permess għax-xogħolijiet mill-Awtorita' tal-Ippjanar ġie approvat riċentement. Is-Sindku qal li m'għandux dettalji dwar dan u qal li l-Kunsill għandu jitlob iktar informazzjoni dwar il-pjan għal dan ix-xogħol.

**417.13** **Kuntratti**

**417.13.1** Kuntratt Cleaning of Non Urban Areas
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kuntratt LCS34/2020 ser jibda jopera mill-1 ta' April 2022. Sadattant ix-xogħolijiet relatati mal-mixgħela ser jiġu attwati mill-kuntrattur preżenti.

**417.13.2** Servizz ta' Accountant
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser tinħareġ sejħa għal servizz ta' Accountant, biex jassisti fl-accounting u rapporti skond il-proċeduri finanzjarji.

**417.14** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.
Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi rimarki dwar xi applikazzjoni. Ma kien hemm ebda rimarka.

**417.15** **Rapport tal-Korrispondenza**

**417.15.1** Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-korrispondenza mingħand il-kumitat Sezzjonali Partit Nazzjonalista is-Siġġiewi b'suġġett relatat mal-mozzjonijiet 417.6 u 417.7 biex il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħidma ta' prof. A. Fenech permezz ta' mafkar fil-lokalita'.

**417.15.2** Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għal korrispondenza fejn qed tiġi mistiedna bħala rappreżentanta tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi flimkien ma' rappreżentant minn Kunsill Lokali ieħor għal proġett bis-suġġett 'Developing Entreprenerial Skills for youth workers' li ser isir fi Spanja mis-6 sat-12 ta' Frar 2022. Hija qalet li dan il-proġett huwa finanzjat minn fondi Ewropew Erasmus+. L-ispiża għal Kunsill hija ta' €100 għal parteċipazzjoni u xi differenza fl-ispejjeż tal-ivjaġġar. Il-Kunsill unanimament qabel mal-parteċipazzjoni.

**417.16** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**417.18** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Kunsillier Francine Farrugia issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**417.18** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**417.18.1** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk fadalx vouchers għan-neutering tal-qtates għax saqsewh xi feeders għalihom. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għalissa il-vouchers kemm tan-neutering u anka dawk relatati mal-iskema LC Care ġew eżawriti.

**417.18.2** Il-Kunsillier Julian Borg talab biex issir talba għall-itranġar ta' Bur it-Tokk lill-Infrastructure Malta għax tinstab fi stat diżastruż u qas hu vjabbli li jsir patching. Huwa qal li hemm sqaq quddiem residenza li ma jippermettix aċċess u propona li naraw x'intervent għandu bżonn biex tingħata aċċessibilta'.

**417.18.3** Il-Kunsillier Julian Borg qal li kellmuh xi residenti ta' Triq il-Wied fiż-żona rurali fuq Lapsi u qal li peress li hemm Triq jisimha hekk ukoll fl-urban qed ikollhom problema bil-posta, f'kas ta' ambulanza jew deliveries. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diġa ġiet sottomessa applikazzjoni b'koordinamenmt mal-Kunsill tal-Qrendi biex dik it-triq tissemma uffiċjalment Triq il-Panorama.

**417.18.4** Il-Kunsillier Julian Borg irrefera għal suġġeriment fil-media soċjali biex it-telephone box biswit il-Kunsill fi Pjazza San Nikola tiġi mibdula f'librerija. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li t-telephone box mhix propjeta tal-Kunsill u qalet li l-librerija li kien hemm fl-outdoor gym kienet ġiet vandaliżżata diversi drabi u żgur ma kinetx tilħaq l-iskop. Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li ikollha diversi rikjesti minn residenti li jkollhom kotba użati iżda f'kundizzjoni tajba li jkunu jixtiequ jagħtuhom donazzjoni għal użu. Hija qalet li għandha tkellem lill-librerija tal-lokal dwar dan.

**417.18.5** Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsill biex l-impjegata fuq skala 13 li ġiet impjegata f'Awissu 2020 titla' fil-massimu tal-iskala, skond il-ftehim kollettiv. Is-Sindku propona l-approvazzjoni. Il-Kunsill unanimament approva.

**417.18.6** Is-Sindku irringrazzja lill-Kunsilliera li kienu disponibbli għal bdil tad-data tas-Seduta li kellha ssir minħabba sitwazzjoni li ma kellux kontroll fuqha u li kienet eċċezzjoni.

**417.19** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fit-8.20 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 21 ta' Frar 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 21 ta' Frar 2022

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv